MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 484/2007

**Talba Nru: 484/07PBC**

**Matteo Lamanna
K.I. Nru 439983M**

**Vs**

**SISA Malta Limited
C-33305**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1,313.92c) rapprezentanti kwantu ghal elf mija u lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1,101.92c) il-valur tal-hlas totali ta' sighat *extra* ta' xoghol u servizz lilha pprestat mit-2 ta' Mejju, 2006 sa Settembru 2006 u

kwantu ghal mitejn u tnax-il lira Maltin (Lm212) bhala l-valur ta’ hlas totali ghal hdax-il gurnata xoghol u servizz lilha pprestat f’Ottubru 2006 u dan kollu kif indikat fil-prospett anness ma’ l-Avviz. Bl-ispejjez tal-prezenti u ta’ l-Ittra Legali tad-19 ta’ Jannar, 2007 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata ma pprezentat l-ebda Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Matteo Lamanna li kkonferma bil-gurament it-talba tieghu u li s-socjeta’ konvenuta hallsitu s-sorte f’Gunju 2007 wara li giet intavolata l-kawza izda ma hallsitx l-ispejjez tal-kawza.

Illi ghalhekk is-sorte tal-kawza jinsab ezawrit u kulma jifdal biss huwa decizjoni fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Huwa evidenti mill-premess illi t-talba fir-rigward tal-hlas ta’ l-ispejjez tal-kawza hija gustifikata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-parti tat-talba koncernanti s-sorte, jilqa’ t-talba fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------